

# MADRID
## Spanish Christmas Markets

**06 - 09 ta' Diċembru 2024**

**4 t'ijiem**

**Inżuru:** Madrid,Avila, Segovia,Alcazar, Aranjuez, Toledo

### Prezz kull persuna
(Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa)

Validu sas-6 ta' Sett

| | Prezz Normali | Prezz Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €785 | €735 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €785 | €735 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1040 | €990 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti | €680 | €630 |

### Prezz jinkludi:
- Titjira mall-Air Malta għal Madrid
- Transfers u eskursjonijiet skond il-programm (entraturi mhux inklużi)
- 3 Iljieli - Hotel Santo Domingo 4*
- Buffet Breakfast kuljum
- Taxxi tal-ajruport u city tax
- Tour Leader
- Insolvency Protection

### Il-Ġimgħa 6 ta' Dicembru
Niltaqgħu mat-tour leader fis-04.00 fl-ajruport internazzjonali ta' Malta għall-flight KM586 għal Madrid li titlaq fit-06:45 naslu fid-09:45. Transfer għaċ-ċentru biex ikollna **panoramic city tour** madwar Madrid fejn fost oħrajn naraw 'The Royal Palace' li huwa wieħed mill-isbaħ fl-Ewropa, il-funtana La Cibeles u Neptuno, Plaza de Colon, Estadio, Santiago, Bernabeu, Europa Towers, Azcai, Plaza De Oriente, Gran Viva u l-kattidral mibni fuq stil Gotiku La Almudena. Check-in fil **Hotel Santo Domingo 4*** fiċ-ċentru ta'Madrid . Wara mmorru Plaza Mayor biex inżuru il christmas market u l-għarmar sabieħ tal Milied.

### Is-Sibt 07 ta' Diċembru
Buffet Breakfast u eskursjoni mill-isbaħ lejn iż-żona tant sabiħa u muntanjuża ta' Sierra De Guadarrama u l-ewwel waqfa tagħna tkun fil-l-belt t' **Avila** li hi l-belt kapitali tar- reġjun bl-istess isem u hija mdawwra bi swar u fortifikata bi 88 torri. Fost oħrajn, hawn naraw il-kattidral li nbena fis-seklu tnax u l-Bażilika San Vincente. Nkomplu lejn il- belt ta' **Segovia**. Din il-belt kienet importanti ħafna fiż-żmien ir-Rumani u fiha kienu jgħixu r-renjanti. Hawn naraw l-akwadott mibni mir-Rumani fl-ewwel seklu u li huwa twil 800metru b'għoli ta 30 metru. Naraw ukoll il-katidral li jinsab fi Plaza Mayor u l-kastell medjevali u famuż **Alcazar** (entratura mhux inkluża) li oriġinaljament kien inbena bħala fortizza. Nirritornaw lura Madrid.

### Il-Ħadd 08 ta' Diċembru
Breakfast u eskursjoni ta' nofs ta'nhar biex inżuru l-belt ta' **Aranjuez** li tinsab fuq ix-xmara Tajo li ġiet iddisinjata u żviluppata fis-seklu sittax mir-Re Philip II li kien hu li tagħha dehra tal-llum. L-importanza ta' din il-belt sabiħa mimlija ġonna, kanali u palazzi kibret mhux bi ftit fis-seklu tmintax taħt il-monarkija tal- familja Bourbon. Din ukoll kienet residenza uffiċjali tar-renjanti fis-Sajf. Hawn naraw ir-Royal Palace u l-ġmiel ta' Aranjuez Gardens. Inżuru wkoll fiċ-ċentru storiku fejn naraw il-knejjes t'Alpajes u Sant Antonio kif ukoll il-kwartier Pavia. Wara nirritornaw Madrid u ħin liberu għax shopping u sightseeing. Iżda għal min irid jista jingħaqad mat-tour leader biex inkomplu nesploraw din il-belt tant sabiħa f' atmosfera meraviljużża tal-Milied, waqt li jkollna l-opportunita li nżuru diversi Christmas Markets sbieħ li nsibu f'din il-belt.





### It-Tnejn 09 ta' Diċembru
Breakfast u ħin liberu. Wara Kmieni wara nofsinhar eskursjoni nteressanti għal belt ta' **Toledo** li tinsab fuq għolja fil-parti ċentrali ta' Spanja u li hija kkunsidrata bħala belt ġojjel tal-pajjiż u magħrufa bħala ta' tlett kulturi minħabba l-fatt li għal mijiet ta' snin, Kristjani, Lhud u Għarab għexu flimkien. Dawn ħallew wirt kulturali bħal knejjes, sinagogi, palazzi, moskej u fortizzi. Flimkien mat-tour leader inżuru ċ-ċentru storiku bit-toroq dojoq imserpin mimlijin bini bi stil t'arkittetura diversa li jagħtu karattru uniku lil belt. Naraw ukoll il-kattidral El Greco (entratura mhux inkluża). Opportunita li nagħmlu vjaġġ bit-Toledo Train Vision (extra) li jdum madwar 45 minuta, Jkollna ħin liberu u fil- 17.00 transfer lejn l-ajruport ta' Madrid għall-flight KM 587 li ttir fid-21.25 u naslu lura Malta fil-23:50.